MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 296/2003

**Ritianne Attard f'isimha *proprio* u bhala kuratrici *ad litem* tat-tifla minuri taghha Shania u dan b'digriet tal-24 ta' Marzu 2003**

**vs.**

**Philip Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datat 21 ta' Marzu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti twelditilhom tifla bejniethom bl-isem ta' Shania fil-11 ta' Jannar 2001 hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. "RA1";

Illi skond il-ligi l-konvenut bhala missier il-minuri Shania ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tieghu, l-istess tifla minuri;

Illi l-konvenut ghadu sallum ma hallas jew ikkontribwixxa ebda manteniment ghall-istess minuri Shania;

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas jew jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri inkluz l-arretrati tal-istess, huwa baqa nadempjenti;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut bhala missier il-minuri Shania ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, l-istess tifla minuri tieghu, u dana b'effett mid-data tat-twelid taghha;

2. Tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Shania inkluz l-arretrati tal-istess filwaqt li tistabilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment;

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment jekk likwidata fit-tieni talba bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti nkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-intimat mill-impjieg tieghu;

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti a fol 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' Ritianne Attard, datat 21 ta' Marzu 2003, a fol 6, fejn talbet bil-qima illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar lill-esponenti bhala kauratrici *ad litem*

sabiex tirraprezenta lill-minuri fuq imsemmija Shania fil-kawza ghall-manteniment sudetta li qed tigi pprezentata kontestwalment fl-istess ismijiet u fl-atti l-ohra kollha sussegwenti, konnessi u ancillari ghall-istess.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fil-24 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici erbghin (40) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat id-digriet nota guramentata moghti wkoll lill-attrici fl-24 ta' Marzu 2003 fejn giet mitluba telenka fil-qasir il-prestensjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontro-parti li wkoll permezz ta' nota guramentata ghandu jindika fejn ma jaqbilix.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 24 ta' Marzu 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 22 ta' Mejju 2003, fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 40 jum kull parti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Borg, datata 8 ta' Lulju 2003, a fol 20, fejn espona bir-rispett:-

1. Illi huwa ma jsibx oggezzjoni li jhallas manteniment ghal bintu Shania ladarba jkun jahdem u ladarba jkun accertat li l-minuri Shania hija effettivament bintu;

2. Illi wara t-twelid tal-minuri Shania, l-attrici ddikjarat kemm-il darba quddiem il-konvenut u quddiem terzi, li l-konvenut mhuwiex il-missier tal-minuri Shania u ghalhekk m'ghandux ihallas manteniment u fi kwalunkwe kaz, ghandu jsir id-'DNA test' a spejjez tal-attrici;

3. Illi huwa ma jahdimx u qieghed fuq l-assistenza socjali u ma jistax imantni lil prole u fi kwalunkwe kaz, l-attrici ghandha tapplika ghall-ghajnuna socjali;

4. Illi l-attrici rrifjutat li taghmel id-'DNA test' fuq il-minuri u ghalhekk huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

5. Illi salv’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Philip Borg u l-lista tax-xhieda a fol 21 u fol 22 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici datata 10 ta’ Settembru 2003, a fol 25, li permezz taghha ezibit l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota tal-attrici datata 1 ta’ Ottubru 2003, a fol 28, li permezz taghha ezibit l-affidavit ta’ Kevin John Grange.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Ottubru 2003, Dr. Richard Sladden ghall-konvenut talab zmien sabiex jirregola ruhu. Il-Qorti konfermat id-digriet taghha tat-22 ta’ Mejju 2003, u Dr. Sladden ghal kull *buon fini* ta ruhu b’notifikat bl-affidavits attrici.

Rat in-nota ta’ Dr. Richard Sladden datata 19 ta’ Novembru 2003, a fol 31, li permezz taghha rinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Frar 2004, fejn Dr. Noel Bartolo ghall-attrici ddikjara li m’ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-attrici datata 3 ta’ Frar 2004, a fol 33 li permezz taghha esibit l-affidavit ta’ Joseph Attard.

Rat ir-rikors ta’ Ritianne Attard, datat 17 ta’ Ottubru 2003, fejn talbet bil-qima illi din l-Onorabbli jogghobha;

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa tenut fil-Ligi li jipprovdi manteniment *pendente lite* ghal bintu minuri Shania;

2. Tillikwida, l-alimenti *pendente lite* li ghandhom ikunu pagabbli mill-intimat lill-esponenti;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik is-somma ta’ manteniment hekk likwidata u dan issir taht

dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq timponi.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 21 ta’ Ottubru 2003, fejn giet ordnata n-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 15 ta’ Marzu 2004, fejn minhabba nuqqas ta’ nteress tal-attrici, il-Qorti f’dan l-istadju cahdet it-talba.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Marzu 2004, fejn Dr. Noel Bartolo ghall-attrici u l-Prokuratur Legali Noel Scerri ghall-konvenut infurmaw lil Qorti li l-partijiet qablu illi l-ammont tal-mantemiment ghall-minuri ghandu jkun ta’ Lm75 fix-xahar pagabbli mill-1 ta’ Jannar 2004 u jgholla skond l-indici tal-gholi tal-hajja, li ghandu jkun pagabbli fir-residenza tal-omm. In kwandu ghall-arrettrati likwidaw l-ammont bonarjament fis-somma ta’ Lm 1000 pagabbli sa l-ahhar ta’ April. Qablu li l-access ser issir nhar ta’ Erbgha u nhar ta’ Gimgha mill-5.00 p.m. sas-6.00 p.m. Il-minuri ghandha tingabar u titihed mir-residenza tal-omm. Rigward spejjez qablu li tibqa’ bla taxxa. Il-partijiet iffirmaw dan il-ftehim u l-kawza giet differita ghas-sentenza abazi ta’ dan ftehim ghat-30 ta’ Marzu 2004.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici proprju u ghan-nom tal-minuri Shania, qed jitolbu li l-konvenut jigi dikjarat missier tal-minuri, li ghandu ghalhekk jigi tenut li jmantni lill-istess minuri, u sabiex jigi ffissat manteniment li ghandu jithallas ghall-istess minuri.

Illi ghall-bidu jidher, almenu mill-eccezzjonijiet li l-konvenut kien qed jikkontesta li huwa l-missier tal-istess minuri, izda jekk kien missierha ma kienx qed jopponi li jhallas manteniment, ghalkemm qal fit-8 ta’ Lulju 2003 li huwa ma kienx jahdem u allura ma kienx fil-posizzjoni li jhallas dan il-manteniment. Illi pero’ fil-mori jidher li l-konvenut biddel

il-posizzjoni tieghu tant li l-partijiet qablu li s-somma ta' manteniment ghandha ghall-minuri ghandha tkun ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) fix-xahar pagabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2004, u liema rata ghandha toghla skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja, u pagabbli fir-residenza tal-attrici. Sar qbil ukoll li l-access tal-konvenut ghall-istess minuri ghandu jkun kull nhar t'Erbgha u kull nhar ta' Gimgha bejn il-5:00 u s-6:00 ta' fil-ghaxija, fejn il-minuri ghandha tingabar u tittiehed mir-residenza attwali tal-omm. L-arretrati ta' manteniment ghall-minuri mhux imhallsa mill-konvenut gie likwidat bi qbil bejn il-partijiet fl-ammont t'elf lira Maltija (Lm1,000) u liema ammont kellu jithallas mill-konvenut sal-ahhar t'April 2004. Fl-ahharnett il-partijiet qablu li l-ispejjez tal-kawza kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u li dan il-ftehim, li huma ffirmaw quddiem il-Qorti fil-verbal tas-seduta li nzammet fit-18 ta' Marzu 2004 ghandu jigi nkorporat fis-sentenza li tinghata minn din il-Qorti.

Illi fil-fatt il-Qorti minhabba dan il-ftehim hekk ser taghmel.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u abbazi tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet skond dak verbalizzat fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2004, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa missier tal-minuri Shania, u bhala tali ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, l-istess tifla minuri tieghu, u dana b'effett mid-data tat-twelid taghha;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Shania fis-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) fix-xahar pagabbli mill-konvenut lill-attrici b'effett mill-1 ta' Jannar 2004 fir-residenza tal-istess attrici, kull xahar bil-quddiem. L-istess ammont ta' manteniment ghall-minuri hawn stabbilit skond

kif miftiehem bejn il-partijiet kif premess ghandu wkoll joghla perjodikament skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Illi bhala arretrati ta' manteniment ghall-istess minuri l-Qorti tillikwida dan l-ammont fis-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000), liema somma hija bbazata fuq l-ammont li wkoll gie miftiehem mill-partijiet, u li l-konvenut obbliga ruhu li ghandu jhallas lill-attrici sal-ahhar t'April 2004.

Illi l-partijiet qablu li ghandu jigi nkorporat ukoll f'din is-sentenza li l-konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha bejn il-5:00 u s-6:00 ta' fil-ghaxija, b'dan li l-minuri tingabar u tittiehed lura mill-konvenut mir-residenza tal-attrici.

3. Tilqa' din it-talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas ir-rata ta' manteniment ghall-minuri lill-attrici kif miftiehma u hawn stabbilita f'din id-decizjoni, u wkoll tikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-arretrati ta' manteniment hawn fuq likwidati fit-terminu hawn stabbilit u patwit bejn il-partijiet, cjoe' sa l-ahhar t'April 2004.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------